II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1559

**tas-16 ta' Settembru 2019**

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għas-cyflufenamid, għall-fenbuconazole, għall-fluquinconazole u għat-tembotrione f'ċerti prodotti jew fuqhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-cyflufenamid, għall-fenbuconazole, għall-fluquinconazole u għat-tembotrione ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Għas-cyflufenamid, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") bagħtet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel għal prodotti ta' oriġini mill-annimali. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-gherkins u għas-segala. Għall-prodotti l-oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs jiżdiedu jew li jibqgħu kif inhuma. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-qamħirrum, il-millieġ komuni, ir-ross, is-sorgu, il-qamħ, il-muskoli, ix-xaħam u l-fwied tat-tjur u l-bajd tal-għasafar, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; l-eżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(3) Għall-fenbuconazole, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([3]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-grejpfrut, il-larinġ, il-lewż, il-ġewż tal-Brażil, il-ġewż tal-anakardju, il-qastan, il-ġewż tal-Indi, il-ġellewż, il-macadamia, il-ġewż Amerikan, il-qlub tal-ġewż tal-arżnu, il-pistaċċi, il-ġewż u l-mirtilli. Għal prodotti oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jibqa' dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli fir-rigward tal-MRLs għall-berquq, għall-ħawħ, għall-għanbaqar, għall-ħjar, għall-gherkins, għall-bettieħ, għall-qara' aħmar u għad-dulliegħ u li kien hemm bżonn ta' aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for cyflufenamid according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2018;16(10):5416.
([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for fenbuconazole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2018;16(8):5399.

dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; l-eżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(4) Għall-fluquinconazole, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). L-Awtorità kkonkludiet li l-ebda tolleranza tal-użi jew tal-importazzjoni ma hija awtorizzata bħalissa għall-fluquinconazole fl-Unjoni u l-ebda limiti massimi ta' residwi (CXLs) ma huma disponibbli għal dik is-sustanza attiva. Ir-residwi tal-fluquinconazole għalhekk mhumiex mistennija li jseħħu fi kwalunkwe prodott bażiku tal-pjanti jew fi kwalunkwe prodott tal-annimali. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għall-fluquinconazole jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell speċifikat tad-determinazzjoni (LOD).

(5) Għat-tembotrione, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-majjali (fwied, kliewi), għall-bovini (fwied, kliewi) u għall-ekwini (fwied, kliewi). Għal prodotti oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jibqa' dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-qamħirrum ħelu u għall-ħwawar tal-frott xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; l-eżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew CXLs, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-LOD speċifiku jew jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-bżonn li jiġu adattati ċerti limiti ta' determinazzjoni. Fir-rigward ta' diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċertu prodotti bażiċi l-iżvilupp tekniku jeżiġi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(8) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom tqiesu.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(11) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(12) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for fluquinconazole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2018;16(9):5409.

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for tembotrione according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2018;16(9):5417.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-7 ta' April 2020.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-7 ta' April 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għas-cyflufenamid, għall-fenbuconazole, għall-fluquinconazole u għat-tembotrione:

"**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

| In-numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Cyflufenamid (is-somma ta' cyflufenamid (isomeru-Z) u l-isomeru-E tiegħu, espressa bħala cyflufenamid) (A) (R) | Fenbuconazole (is-somma tal-enantjomeri kostitwenti) | Fluquinconazole (F) | Tembotrione (Is-somma tat-tembotrione oriġinarju (AE 0172747) u l-metabolit tiegħu M5 (4,6-diidrossi tembotrione), espressa bħala tembotrione) (R) |
|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | | | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | **0,01** (*) | | | |
| 0110010 | Grejpfrut | | **0,7** (+) | | |
| 0110020 | Larinġ | | **0,9** (+) | | |
| 0110030 | Lumi | | **1** (+) | | |
| 0110040 | Xkomp | | **1** (+) | | |
| 0110050 | Mandolin | | **0,5** (+) | | |
| 0110990 | Oħrajn (2) | | **0,5** | | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0120010 | Lewż | | (+) | | |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | | (+) | | |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | | (+) | | |
| 0120040 | Qastan | | (+) | | |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | | (+) | | |
| 0120060 | Ġellewż | | (+) | | |
| 0120070 | Macadamia | | (+) | | |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | | (+) | | |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | | (+) | | |
| 0120100 | Pistaċċi | | (+) | | |
| 0120110 | Ġewż | | (+) | | |
| 0120990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0130000 | **Pomu** | **0,06** | 0,5 | | |
| 0130010 | Tuffieħ | | (+) | | |
| 0130020 | Lanġas | | (+) | | |
| 0130030 | Sfarġel | | (+) | | |
| 0130040 | Naspli | | (+) | | |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | | (+) | | |
| 0130990 | Oħrajn (2) | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0140000 | **Frott tal-għadma** | | | | |
| 0140010 | Berquq | 0,06 | **0,6** (+) | | |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | 0,1 | **1** (+) | | |
| 0140030 | Ħawħ | 0,06 | **0,6** (+) | | |
| 0140040 | Għanbaqar | **0,07** | **0,6** (+) | | |
| 0140990 | Oħrajn (2) | 0,06 | **0,6** | | |
| 0150000 | **Kukku u frott żgħir ieħor** | | | | |
| 0151000 | (a) *għeneb* | **0,2** | **1,5** | | |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | | (+) | | |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | | (+) | | |
| 0152000 | (b) *frawli* | 0,04 | **0,01** (*) | | |
| 0153000 | (c) *frott tal-kannamiela* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0153010 | Tut | | | | |
| 0153020 | Tut salvaġġ | | | | |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | | | | |
| 0153990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0154000 | (d) *frott żgħir u kukku oħrajn* | **0,01** (*) | | | |
| 0154010 | Mirtill | | **0,5** (+) | | |
| 0154020 | Cranberries | | **1** (+) | | |
| 0154030 | Ribes (abjad, aħmar u iswed) | | **0,01** (*) | | |
| 0154040 | Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar) | | **0,01** (*) | | |
| 0154050 | Warda skoċċiża | | **0,01** (*) | | |
| 0154060 | Ċawsli (abjad u iswed) | | **0,01** (*) | | |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | | **0,01** (*) | | |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | | **0,01** (*) | | |
| 0154990 | Oħrajn (2) | | **0,01** (*) | | |
| 0160000 | **Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:** | **0,01** (*) | | | |
| 0161000 | (a) *b'qoxra li tittiekel* | | **0,01** (*) | | |
| 0161010 | Tamal | | | | |
| 0161020 | Tin | | | | |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | | | | |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari | | | | |
| 0161050 | Karambola | | | | |
| 0161060 | Kaki | | | | |
| 0161070 | Għanbaqar ta' Ġava | | | | |
| 0161990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0162000 | (b) *b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir* | | **0,01** (*) | | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar) | | | | |
| 0162020 | Liċċi | | | | |
| 0162030 | Frott tal-passjoni | | | | |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk | | | | |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | | | | |
| 0162060 | Frott tal-kaki tal-Virġinja | | | | |
| 0162990 | Oħrajn (2) | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0163000 | (c) *b'qoxra li ma tittikilx, u kbir* | | | | |
| 0163010 | Avokado | | **0,01** (*) | | |
| 0163020 | Banana | | **0,05 (+)** | | |
| 0163030 | Mango | | **0,01** (*) | | |
| 0163040 | Papaja | | **0,01** (*) | | |
| 0163050 | Rummien | | **0,01** (*) | | |
| 0163060 | Ċerimoja | | **0,01** (*) | | |
| 0163070 | Gwava | | **0,01** (*) | | |
| 0163080 | Ananas | | **0,01** (*) | | |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż | | **0,01** (*) | | |
| 0163100 | Durian | | **0,01** (*) | | |
| 0163110 | Frotta tal-annona | | **0,01** (*) | | |
| 0163990 | Oħrajn (2) | | **0,01** (*) | | |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | | | | |
| 0210000 | **Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0211000 | (a) *Patata* | | | | |
| 0212000 | (b) *ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi* | | | | |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava | | | | |
| 0212020 | Patata ħelwa | | | | |
| 0212030 | Jammijiet | | | | |
| 0212040 | Ararut | | | | |
| 0212990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0213000 | (c) *ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa* | | | | |
| 0213010 | Pitravi | | | | |
| 0213020 | Zunnarija | | | | |
| 0213030 | Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | | | | |
| 0213040 | Għeruq tal-mustarda | | | | |
| 0213050 | Artiċokks | | | | |
| 0213060 | Zunnarija bajda | | | | |
| 0213070 | Tursin ta' Hamburg | | | | |
| 0213080 | Ravanell | | | | |
| 0213090 | Leħjet il-bodbod | | | | |
| 0213100 | Swedes | | | | |
| 0213110 | Lift | | | | |
| 0213990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0220010 | Tewm | | | | |
| 0220020 | Basal | | | | |
| 0220030 | Xalotti | | | | |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | | | | |
| 0220990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | | | **0,01** (*) | |
| 0231000 | (a) *Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae* | | | | 0,02 (*) |
| 0231010 | Tadam | **0,04** | **0,01** (*) | | |
| 0231020 | Bżar ħelu | **0,06** | **0,6 (+)** | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0231030 | Brunġiel | 0,02 (*) | **0,01** (*) | | |
| 0231040 | Bamja | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0231990 | Oħrajn (2) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0232000 | (b) *kukurbiti b'qoxra li tittiekel* | **0,05** | **0,3** | | 0,02 (*) |
| 0232010 | Ħjar | | (+) | | |
| 0232020 | Ħjar tal-pikles | | (+) | | |
| 0232030 | Zukkini | | (+) | | |
| 0232990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0233000 | (c) *kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx* | **0,05** | **0,3** | | 0,02 (*) |
| 0233010 | Bettieħ | | (+) | | |
| 0233020 | Qara' aħmar | | (+) | | |
| 0233030 | Dulliegħ | | (+) | | |
| 0233990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0234000 | (d) *qamħirrum ħelu* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | **0,05** (+) |
| 0239000 | (e) *ħxejjex tal-frott oħrajn* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | 0,02 (*) |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0241000 | (a) *brassika li tagħmel il-fjuri* | | | | |
| 0241010 | Brokkoli | | | | |
| 0241020 | Pastard | | | | |
| 0241990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0242000 | (b) *kaboċċi kkapoċċati* | | | | |
| 0242010 | Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk | | | | |
| 0242020 | Kaboċċa kkapoċċati | | | | |
| 0242990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0243000 | (c) *brassika bil-weraq* | | | | |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi | | | | |
| 0243020 | Kaboċċi ('kales') | | | | |
| 0243990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0244000 | (d) *ġdur* | | | | |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | | | | |
| 0251000 | (a) *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | | | | |
| 0251020 | Ħass | | | | |
| 0251030 | Skalora/indivja bil-weraq wesgħin | | | | |
| 0251040 | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | | | | |
| 0251050 | Krexxuni tal-art | | | | |
| 0251060 | Aruka | | | | |
| 0251070 | Mustarda ħamra | | | | |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika) | | | | |
| 0251990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0252000 | (b) *spinaċi u weraq simili* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0252010 | Spinaċi | | | | |
| 0252020 | Burdlieq | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0252030 | Weraq tas-selq | | | | |
| 0252990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0253000 | (c) *weraq tad-dwieli u speċijiet simili* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0254000 | (d) *krexxuni* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0255000 | (e) *ċikwejra* | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0256000 | (f) *ħxejjex aromatiċi u l-fjuri li jittieklu* | 0,02 (*) | **0,02** (*) | **0,02** (*) | **0,04** (*) |
| 0256010 | Maxxita | | | | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | | | | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | | | | |
| 0256040 | Tursin | | | | |
| 0256050 | Salvja | | | | |
| 0256060 | Klin | | | | |
| 0256070 | Timu | | | | |
| 0256080 | Ħabaq u fjuri li jittieklu | | | | |
| 0256090 | Weraq tar-rand | | | | |
| 0256100 | Stregun | | | | |
| 0256990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0260000 | **Legumi** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0260010 | Fażola (bl-imżiewed) | | | | |
| 0260020 | Fażola (bla mżiewed) | | | | |
| 0260030 | Piżelli (bl-imżiewed) | | | | |
| 0260040 | Piżelli (bla mżiewed) | | | | |
| 0260050 | Għads | | | | |
| 0260990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0270000 | **Ħxejjex biz-zokk** | | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0270010 | Spraġ | **0,01** (*) | | | |
| 0270020 | Kardun | **0,01** (*) | | | |
| 0270030 | Krafes | **0,01** (*) | | | |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze | **0,01** (*) | | | |
| 0270050 | Qaqoċċ | **0,04** | | | |
| 0270060 | Kurrat | **0,01** (*) | | | |
| 0270070 | Rabarbru | **0,01** (*) | | | |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | **0,01** (*) | | | |
| 0270090 | Qlub tal-palm | **0,01** (*) | | | |
| 0270990 | Oħrajn (2) | **0,01** (*) | | | |
| 0280000 | **Faqqiegħ, ħażiż u likeni** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat | | | | |
| 0280020 | Faqqiegħ salvaġġ | | | | |
| 0280990 | Ħażiż u likeni | | | | |
| 0290000 | **Alka u organiżmi prokarjoti** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0300000 | **BUS U ĦEMES** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0300010 | Fażola | | | | |
| 0300020 | Għads | | | | |
| 0300030 | Piżelli | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0300040 | Lupini/fażola tal-lupini | | | | |
| 0300990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0400000 | **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | **0,01** (*) | | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0401000 | **Żrieragħ taż-żejt** | | | | |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien | | **0,01** (*) | | |
| 0401020 | Karawett | | **0,1 (+)** | | |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin | | **0,01** (*) | | |
| 0401040 | Ġulġlien | | **0,01** (*) | | |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol | | **0,05 (+)** | | |
| 0401060 | Żerriegħa tal-lift | | **0,05 (+)** | | |
| 0401070 | Fażola tas-sojja | | **0,01** (*) | | |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda | | **0,01** (*) | | |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton | | **0,01** (*) | | |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qara' aħmar | | **0,01** (*) | | |
| 0401110 | Żrieragħ tal-għosfor | | **0,01** (*) | | |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fiddloqom | | **0,01** (*) | | |
| 0401130 | Żerriegħa tal-camelina sativa | | **0,01** (*) | | |
| 0401140 | Qannebusa | | **0,01** (*) | | |
| 0401150 | Fażola tar-riġnu | | **0,01** (*) | | |
| 0401990 | Oħrajn (2) | | **0,01** (*) | | |
| 0402000 | **Frott taż-żejt** | | **0,01** (*) | | |
| 0402010 | Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt | | | | |
| 0402020 | Qlub tal-palm taż-żejt | | | | |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt | | | | |
| 0402040 | Kapok | | | | |
| 0402990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0500000 | **ĊEREALI** | | | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0500010 | Xgħir | 0,1 | **0,2 (+)** | | |
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn | **0,1** | **0,01** (*) | | |
| 0500030 | Qamħirrum | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0500040 | Millieġ komuni | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0500050 | Ħafur | 0,1 | **0,01** (*) | | |
| 0500060 | Ross | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0500070 | Segala | **0,04** | **0,1 (+)** | | |
| 0500080 | Sorgu | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0500090 | Qamħ | **0,04 (+)** | **0,1 (+)** | | |
| 0500990 | Oħrajn (2) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | | |
| 0600000 | **TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0610000 | **Tejiet** | | | | |
| 0620000 | **Kafeni** | | | | |
| 0630000 | **Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:** | | | | |
| 0631000 | (a) *mill-fjuri* | | | | |
| 0631010 | Kamumella | | | | |
| 0631020 | Ibisku | | | | |
| 0631030 | Ward | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0631040 | Ġiżimin | | | | |
| 0631050 | Tilju | | | | |
| 0631990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0632000 | (b) *mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi* | | | | |
| 0632010 | Frawli | | | | |
| 0632020 | Rooibos | | | | |
| 0632030 | Matè/Te tal-Paragwaj | | | | |
| 0632990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0633000 | (c) *mill-għeruq* | | | | |
| 0633010 | Valerjana | | | | |
| 0633020 | Ġinseng | | | | |
| 0633990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0639000 | (d) *minn kull parti oħra tal-pjanta* | | | | |
| 0640000 | **Żerriegħa tal-Kawkaw** | | | | |
| 0650000 | **Ħarrub** | | | | |
| 0700000 | **ĦOPS** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0800000 | **ĦWAWAR** | | | | |
| 0810000 | **Ħwawar taż-żerriegħa** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | | | | |
| 0810020 | Kemmun iswed | | | | |
| 0810030 | Karfus | | | | |
| 0810040 | Kosbor | | | | |
| 0810050 | Kemmun | | | | |
| 0810060 | Xibt | | | | |
| 0810070 | Bużbież | | | | |
| 0810080 | Fienu | | | | |
| 0810090 | Noċemuskata | | | | |
| 0810990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0820000 | **Ħwawar tal-frott** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment | | | | |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan | | | | |
| 0820030 | Karwija | | | | |
| 0820040 | Kardamomu | | | | |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru | | | | |
| 0820060 | Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod) | | | | |
| 0820070 | Vanilja | | | | |
| 0820080 | Tamar tal-Indja/tamarindi | | | | |
| 0820990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0830000 | **Ħwawar tal-qoxra tas-siġar** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0830010 | Kannella | | | | |
| 0830990 | Oħrajn (2) | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0840000 | **Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi** | | | | |
| 0840010 | Għud is-sus | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0840020 | Ġinġer (10) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0840030 | Żagħfran tal-Indja/kurkuma | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda (11) | | | | |
| 0840990 | Oħrajn (2) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0850000 | **Ħwawar tal-blanzuni** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | | | | |
| 0850020 | Kappar | | | | |
| 0850990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0860000 | **Il-ħwawar ta' qalb il-fjura** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0860010 | Żagħfran | | | | |
| 0860990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0870000 | **Ħwawar tal-aril** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,1** (*) |
| 0870010 | Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata | | | | |
| 0870990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 0900000 | **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) | 0,02 (*) |
| 0900010 | Pitravi ħelu | | | | |
| 0900020 | Kannamieli | | | | |
| 0900030 | Għeruq taċ-Ċikwejra | | | | |
| 0900990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 1000000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI** | | | | |
| 1010000 | **Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:** | 0,02 (*) | | **0,01** (*) | |
| 1011000 | (a) *mill-ħnieżer* | | | | |
| 1011010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1011020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1011030 | Fwied | | **0,1** (+) | | **0,015** |
| 1011040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | **0,015** |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | **0,015** |
| 1011990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1012000 | (b) *mill-annimali bovini* | | | | |
| 1012010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1012020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1012030 | Fwied | | **0,1** (+) | | **0,05** |
| 1012040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | **0,02** |
| 1012050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | **0,05** |
| 1012990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1013000 | (c) *min-nagħaġ* | | | | **0,01** (*) |
| 1013010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | |
| 1013020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | |
| 1013030 | Fwied | | **0,1** (+) | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1013040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | |
| 1013050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | |
| 1013990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | |
| 1014000 | (d) *mill-mogħoż* | | | | **0,01** (*) |
| 1014010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | |
| 1014020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | |
| 1014030 | Fwied | | **0,1** (+) | | |
| 1014040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | |
| 1014050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | |
| 1014990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | |
| 1015000 | (e) *mill-ekwini* | | | | |
| 1015010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1015020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1015030 | Fwied | | **0,1** (+) | | **0,05** |
| 1015040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | **0,02** |
| 1015050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | **0,05** |
| 1015990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1016000 | (f) *mill-pollam* | | 0,05 (*) | | 0,01 (*) |
| 1016010 | Muskoli | | | | |
| 1016020 | Xaħam | | | | |
| 1016030 | Fwied | | | | |
| 1016040 | Kliewi | | | | |
| 1016050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | | | |
| 1016990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 1017000 | (g) *minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn* | | | | **0,01** (*) |
| 1017010 | Muskoli | | 0,05 (*) | | |
| 1017020 | Xaħam | | 0,05 (*) | | |
| 1017030 | Fwied | | **0,1** (+) | | |
| 1017040 | Kliewi | | **0,1** (+) | | |
| 1017050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | | **0,1** (+) | | |
| 1017990 | Oħrajn (2) | | 0,05 (*) | | |
| 1020000 | **Ħalib** | 0,02 (*) | 0,05 (*) | **0,01** (*) | **0,01** (*) |
| 1020010 | Bhejjem tal-ifrat | | | | |
| 1020020 | Nagħaġ | | | | |
| 1020030 | Mogħoż | | | | |
| 1020040 | Żwiemel | | | | |
| 1020990 | Oħrajn (2) | | | | |
| 1030000 | **Bajd tal-għasafar** | 0,02 (*) | 0,05 (*) | **0,01** (*) | 0,01 (*) |
| 1030010 | Tiġieġ | | | | |
| 1030020 | Papri | | | | |
| 1030030 | Wiżż | | | | |
| 1030040 | Summien | | | | |
| 1030990 | Oħrajn (2) | | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1040000 | **Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | **0,05** (*) | 0,05 (*) |
| 1050000 | **Amfibji u Rettili** | 0,02 (*) | 0,05 (*) | **0,01** (*) | 0,01 (*) |
| 1060000 | **Annimali terrestri invertebrati** | 0,02 (*) | 0,05 (*) | **0,01** (*) | 0,01 (*) |
| 1070000 | **Annimali terrestri vertebrati slavaġ** | 0,02 (*) | 0,05 (*) | **0,01** (*) | 0,01 (*) |
| 1100000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)** | | | | |
| 1200000 | **PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)** | | | | |
| 1300000 | **PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)** | | | | |

(*) Jindika limitu ta' kwantifikazzjoni analitika

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Jinħall fix-xaħam

**Cyflufenamid (is-somma ta' cyflufenamid (isomeru-Z) u l-isomeru-E tiegħu, espressa bħala cyflufenamid) (A) (R)**

(a) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw li l-istandards ta' referenza għall-isomeru-E u għall-metabolit 149-F1 mhumiex disponibbli kummerċjalment. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandards ta' referenza msemmija fl-ewwel sentenza sa tas-17 ta' Settembru 2020, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jkunx disponibbli kummerċjalment sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet pestiċida-numru tal-kodiċi li ġejjin:

Cyflufenamid - il-kodiċi 1000000, minbarra 1040000: is-somma ta' cyflufenamid (isomeru-Z), l-isomeru-E tiegħu u l-metabolit 149-F1, espressa bħala cyflufenamid

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar l-istudji dwar l-għalf għall-pollam mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0500090 Qamħ**

**Fenbuconazole (is-somma tal-enantjomeri kostitwenti)**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0110010 Grejpfrut**

**0110020 Larinġ**

**0110030 Lumi**

**0110040 Xkomp**

**0110050 Mandolin**

**0120010 Lewż**

**0120020 Ġewż tal-Brażil**

**0120030 Ġewż tal-anakardju**

**0120040 Qastan**

**0120050 Ġewż tal-Indi**

**0120060 Ġellewż/ġellewż Ewropew**

**0120070 Macadamia**

**0120080 Ġewż Amerikan**

**0120090 Qlub tal-ġewż tal-arżnu**

**0120100 Pistaċċi**

**0120110 Ġewż**

**0130010 Tuffieħ**

**0130020 Lanġas**

**0130030 Sfarġel**

**0130040 Naspli**

**0130050 Naspli tal-Ġappun**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu, inkluż id-*data* dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli (triazole derivative metabolites - TDMs) mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0140010 Berquq**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0140020 Ċiras (ħelu)**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu, inkluż id-*data* dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli (triazole derivative metabolites - TDMs) mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0140030 Ħawħ**

**0140040 Għanbaqar**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0151010 Għeneb tal-mejda**

**0151020 Għeneb għall-inbid**

**0154010 Mirtill**

**0154020 Cranberries**

**0163020 Banana**

**0231020 Bżar ħelu**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu, inkluż id-*data* dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli (triazole derivative metabolites - TDMs) mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0232010 Ħjar**

**0232020 Gherkins (ħjar żgħir)**

**0232030 Zukkini**

**0233010 Bettieħ**

**0233020 Qara' aħmar**

**0233030 Dulliegħ**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li xi informazzjoni dwar il-metaboliti tad-derivattivi tat-triażoli mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0401020 Karawett**

**0401050 Żerriegħa tal-ġirasol**

**0401060 Żerriegħa tal-kolza**

**0500010 Xgħir**

**0500070 Segala**

**0500090 Qamħ**

**1011030 Fwied**

**1011040 Kliewi**

**1011050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**1012030 Fwied**

**1012040** **Kliewi**

**1012050** **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**1013030** **Fwied**

**1013040** **Kliewi**

**1013050** **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**1014030** **Fwied**

**1014040** **Kliewi**

**1014050** **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**1015030** **Fwied**

**1015040** **Kliewi**

**1012050** **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**1017030** **Fwied**

**1017040** **Kliewi**

**1017050** **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

**Tembotrione (Is-somma tat-tembotrione oriġinarju (AE 0172747) u l-metabolit tiegħu M5 (4,6-diidrossi tembotrione), espressa bħala tembotrione) (R)**

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet pestiċida-numru tal-kodiċi li ġejjin:

Tembotrione - kodiċi 1000000 minbarra 1040000: Metabolit M5 (Diidrossi-tembotrione)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' tas-17 ta' Settembru 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

**0234000** **(d) qamħirrum**"

(2) Fil-Parti A tal-Anness III, jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għas-cyflufenamid, għall-fenbuconazole, għall-fluquinconazole u għat-tembotrione.